# LIS-SUR NINU CREMONA

## Ta' MANWEL NICHOLAS BORG

*(Suum cuique)*

Xi ħadd darba qalilna li ż-żgħurija
Hija magħġuna minn xi żmien fil-ħajja,
'Mma ħadd għadu ma xjieħ bis-snin ta' l-għomor
Kemm ilha wieqfa l-ġrajja;
W-għalkemm is-snin ikemmxu l-ġilda sewwa
Jibqa' żagħżugħ min ħaddan l-ideali,
U jibqa' jimraħ sew fl-aptit tal-Muża
Li tħobb lil 'Malti' bħali.

Sew jekk ta' sitta jew ta' sebgħin sena,
Il-qagħda biss tal-moħħ jew jies azzari
Li jbiegħdu l-entużjażmu mit-tkemmixa
Taż-żmien tal-jum jew dari
Il-bniedem hu żagħżugħ daqs ħsibijietu,
Jew xiħ daqs il-mibegħda li jkun ħaddem,
Riednu f'idejh: Jew jibqa' fiż-żgħurija,
Jew fi ftit żmien jitqaddem.

'Mma int, ħabib, smajt l-għajta ta' l-imħabba,
Għaraft il-għaqal kbir ta' l-ideali,
U tibqa' timraħ sew fl-aptit tal-Muża...
Int tħobb lil 'Malti' bħali.